MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 265/2004

**Carmen mart Anthony Borg Cardona u l-istess Anthony Borg Cardona u Salvina Falzon**

**vs**

**Vanessa Bonnici**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu lil konvenuta tghid ghaliex m'ghandiex tkun kkundannata li tizgombra mill-fond numru 50, Triq Gorg Borg Olivier, San Giljan li qed tokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Ottubru, 2002 kif ukoll tal-ittra legali tas-27 ta' Frar, 2004 u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza jigi ddikjarat li l-valur lokatizzju tal-fond de quo ma jeccedix it-Lm22 fis-sena.

Rat ukoll in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn tesponi bir-rispett;

1. Illi in linea preliminari, l-eccipjenti tissolleva l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti "ratione materiae";

2. Illi, dwar il-meritu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari hawn fuq sollevata, it-talba attrici timmerita li tigi respinta, bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi l-eccipjenti tikkwalifika bhala "kerrej" skond id-definizzjoni moghtija taht il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tgawdi titolu validu skond il-ligi fuq il-fond de quo.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel kunsiderazzjoni ta' din il-Qorti hija naturalment diretta lejn l-eccezzjoni prelimiari sollevata mill-konvenuta rigwardanti l-inkompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti. Filwaqt illi fl-inizzju tal-kawza l-konvenuta tat x'tifhem illi l-eccezzjoni taghha kienet tirrigwarda l-konkors dwar il-kompetenza bejn din il-Qorti bhala Qorti Ordinarja u l-Bord li Jirregola l-Kera, l-Qorti ghazlet illi tisma l-provi kollha sabiex tkun f'posizzjoni ahjar meta tigi biex tirredigi s-sentenza la darba jkollha kwadru komplet tal-fatti specie tal-kaz. Izda fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, l-konvenuta kwalifikat din l-eccezzjoni fuq zewg binarji: fuq naha minnhom tinsisti illi huwa l-Bord li Jirregola l-kera li huwa kompetenti biex jisma' kawza, u f'kaz li jkun deciz li ma hemmx relazzjoni lokatizja bejn il-partijiet, allura hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili li hija hekk kompetenti biex tisma kawzi ta' zgumbrament fuq il-kawzali ta' okkupazzjoni minghajr ebda titolu. Il-konvenuta ghalhekk issostni illi fl-ewwel lok din il-kawza kellha tkun intavolata quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera izda fil-kaz li din il-Qorti ma tilqax l-

eccezzjoni, allura xorta wahda ma tistghax tingieb quddiem din il-Qorti ghaliex jekk stess hija biss kompetenti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'materja in rigward.

Illi din l-eccezzjoni hija wahda ta' ordni pubbliku u l-Qorti hija obbligata tissollevaha *ex officio* bi dmir u mhux b'fakolta' (**Av. Dr. Edgar Mizzi vs Av. Dr. Joseph Cassar et**, Qorti Civili Prim'Awla 27/10/1964). Jemergi pacifikament mill-gurisprudenza illi ghall-ezami dwar jekk detentur ta' fond ghandux titolu jew le huma l-Qrati ordinarji li ghandhom il-kompetenza biex jaghmlu dan. Fis-sentenza **Michael Caruana vs Emanuel Micallef** et Qorti tal-Appell Civili (Ghawdex) Inferjuri 10 ta' Lulju 2003, inghad illi : ".. l-Qorti ghandha tistabilixxi mhux biss l-ezistenza tat-titolu izda wkoll jekk dan it-titolu huwiex wiehed validu. Huwa biss meta l-Qorti ordinarja tistabilixxi li dan it-titolu jezisti, fis-sens illi d-detentur ta' fond qieghed jokkupah b'titolu ta' lokazzjoni, illi allura dik il-Qorti ma tibqax hekk kompetenti – "**Gaetano Cauchi vs Av. Dr. Tommaso Fenech noe", Appell, Sede Inferjuri, 29 ta' Settembru 1948; Vincent Camilleri noe vs Pio Muscat, Appell Inferjuri, 21 ta' Jannar 1986".** Ghalhekk din il-Qorti hija dejjem kompetenti biex tisma u tiddeciedi jekk hemmx titolu validu ta' lokazzjoni u una volta ikun deciz fl-affermattiv, anke prima facie, il-kompetenza tal-Qorti Ordinarja tieqaf hemm. Anke meta hemm vinkoli kontrattwali bejn il-partijiet u dik ir-rabta tkun wahda ta' lokazzjoni, l-Qorti Ordinarja ukoll ghandha kompetenza biex tiehu konjizzjoni ta' divergenza dwar per ezemplari, l-validita', applikabilita' jew durata ta' dik ir-relazzjoni u dan ai termini tal-artikolu 48 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid: *Il-Qorti tal-Magistrati (Malta), maghmula kif jinghad fl-ahhar artikolu qabel dan, tiddeciedi wkoll kull talba ghal zgumbrament, jew tkeccija minn beni immobbli, sew bini kemm raba', mikrija jew li qeghdin fihom persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja fil-limiti tal-gurisdizzjoni ta' dik il-qorti,* [meta s-somma tal-kera ma tiskorrix il-hamest elef lira maltin]. Dan kien konfermat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza **Vincent Galea vs Anthony Robert Pisani** 12.1.2005 per Onor. Mhallef Philip Sciberras trattandosi ta' materja ta' allegat

okkupazzjoni bla titolu wara li l-inkwilin kien inghata l-kongedo fejn allura l-Qorti kkonfermat illi l-materja f'dik il-kawza kienet taqa' esklussivament fil-gurisdizzjoni u kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati. Issa, l-atturi fil-kawza odjerna qeghdin jikkontendu illi l-konvenuta qed tokkupa l-fond *de quo* minghajr titolu ghaliex mhix l-inkwilina kif definita fil-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta stante li ma kienitx "membru" tal-familja residenti mal-kerrej sal-mewt tieghu. Din l-allegazzjoni u l-eventwali cahda tal-konvenuta tehtieg *in primis* ezami tat-titolu jew nuqqas tieghu u dan kollu jirrientra fil-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti kif wara kollox huwa pacifikament akkolt anke mill-istess konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha.

L-eccezzjoni ta' nuqqas ta' kompetenza *rationae materiae* imbaghad tassumi aspett duplici meta l-konvenuta tirritjeni illi ghad illi huma l-Qrati Ordinarji li huma kompetenti jiehdu konjizzjoni ta' kawzi ta' zgumbrament pernjati fuq il-kawzali ta' okkupazzjoni bla titolu hija biss il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li hija hekk kompetenti u dan in segwitu ghall-emendi introdotti fis-sena 2002 li jikkolpixxu s-subartikolu 3 tal-Artikolu 47 tal-Kap 12 fejn tali kawzi "ma jidhlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba (art 47). Din it-tezi hija wahda zbaljata u qed tkun michuda minn din il-Qorti ghaliex hija bazata fuq inezistenza ta' artikolu tal-ligi fil-mument meta kienet introdotta l-kawza. Harsa semplici lejn l-artikoli rilevanti tal-ligi u t-timbru ufficjali tad-data ta' meta kien introdott l-avviz, jigifieri fid-19 ta' Mejju 2004, jiddemostraw li l-konvenuta m'ghandiex ragun u dan ghaliex in-noti marginali fit-test tal-ligi ghandhom utilita' limitata hafna tant li, bhal fil-kaz in dizamina, jistghu jkunu miftiehma hazin. L-Att XXXI tal-2002 biddel, hassar u introduca diversi artikoli tal-Kap 12 fosthom l-artikolu 47(3) u 48 fejn, in succint, tnehhiet il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati li kellha sabiex "*tiddeciedi kull talba ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli, sew bini kemm raba, mikrija jew li qeghdin fihom persuni li joqghodu jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja…*"(*ex* art 48 Kap 12) flimkien mal-kompetenza limitata ai termini tal-*ex* artikolu 47(3). Issa dawn l-emendi, kif gia inghad kienu introdotti ex Att XXXI tal-2002

promulgat fil-31 ta' Dicembru 2002 **pero'** dawn ma kellhomx effett hlief mill-1 t'Awissu 2005 ex Avviz Legali 275 tal-2005 li dahhal fis-sehh l-artikolu 21 u 22 jigifieri l-artikoli li ememda l-artikolu 47 (1) u (3) u hassar l-artikolu 48 tal-Kapitolu 12. Huwa bil-wisq evidenti ghalhekk illi l-konvenuta strahet fuq l-informazzjoni li tidher fin-noti marginali tal-ligi u ghalhekk hija zbaljata fit-tezi taghha stante illi l-Avviz in mertu kien propost fid-19 ta' Mejju 2004 meta din il-Qorti kienet ghadha vestita bil-kompetenza biex tisma u tiddeciedi kawzi ta' zgumbrament. B'hekk il-posizzjoni legali kif imfissra fis-sentenza gja citata *supra* **Vincent Galea vs Anthony Robert Pisani** 12.1.2005 hija ukoll applikabbli ghall-kaz taht skrutinju;

Jibqa' ghalhekk li jkun investit jekk l-konvenuta ghandhiex titolu validu fil-ligi sabiex tokkupa l-fond il-kwistjoni. L-atturi jikkontendu li l-konvenuta m'ghandhiex titolu validu ghaliex meta bdiet tokkupa l-fond mikri lin-nannu taghha dan kien gia qieghed jirrisjedi f'dar tal-anzjani fejn qatta l-ahhar zmien ta' hajtu u ghalhekk ma tistax titqies bhala "kerrej" ai termini tal-artikolu 2(b) tal-Kap 69 li jinkludi "meta l-kerrej ma jhallix warajh armla jew armel, dawk il-membri tal-familja tal-kerrej li jkunu joqghodu mieghu fiz-zmien tal-mewt tieghu". Naturalment il-konvenuta tikkontendi illi hija l-"kerrej" ghaliex kienet tghix flimkien man-nannu taghha qabel ma' mar joqghod fil-home. Il-Qorti ghalhekk ezaminat il-provi imressqa komprizi dawk akkluzi mal-process quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fil-kawza fl-ismijiet Salvina Falzon et vs Edward Agius deciza fit-18 t'April 2002. Tajjeb illi jinghad illi fit-8 ta' Jannar 1999, l-atturi flimkien ma' ko-propretarji ohra kienu ghamlu talba lill-Bord li Jirregola l-Kera sabiex jawtorizzahom jirriprendu dan il-fond fuq il-kawzali li Edward Agius, in-nannu tal-konvenuta odjerna, kien abbanduna l-fond wara li kien mar jirrisjedi gewwa dar tal-anzjani fil-Mosta. Dik il-kawza kienet deciza kontra r-rikorrenti, l-atturi odjerni, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fuq l-iskorta li rikoveru f'dar tal-anzjani, fic-cirkostanzi u skond il-provi hemm imressqa, ma kellux jammonta ghall-abbandun tal-fond lokat. Minn dawk l-atti, jemergi illi l-punt ta' partenza huwa it-**18 ta' Novembru 1997**, jigifieri

d-data li fiha l-inkwilin tal-atturi, Edward Agius, kien irrikovera ruhu f’dar tal-anzjani fejn kien deskritt bhala bniedem indipendenti u liberu li jirritorna f’daru meta jrid. F’dik is-sena, missier il-konvenuta kien mar ihallas il-kera lill-wahda mill-kopropretarji, Salvina Falzon u fil-presenza ta’ xhud f’dawn l-atti, jigifieri Joe Falzon, talabha teqleb il-kera fuq bintu, il-konvenuta odjerna, izda irrifjutat ghaliex hasbet hazin u harget ir-ricevuta fuq Agius, tant li meta wasal biex ihallas l-iskadenza li jmiss rega jittenta jaghmel l-istess, infurmatu li kienet taf li Agius qed jirrisjedi gewwa dar tal-anzjani. Minn hemmhekk, l-atturi kienu aktar kawti u bdew josservaw diversi hwejjeg li ghalihom kienu jfissru haga wahda biss, illi hadd ma kien qed jirrisjedi f’dak il-fond u kien qieghed fi stat ta’ abbandun. Huma bdew jghaddu ta’ sikwit minn quddiem id-dar; il-bieb tal-gallarija ghamel aktar minn sena sokjuz u bil-persjana mqaccta u ragonevolment deherilhom illi hadd ma kien qieghed jghix fil-fond tant li intavolaw rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fejn minn ezami tal-atti huwa pacifiku illi Edward Agius ma kienx baqa’ jghix fil-fond, fatt dan li ma kienx ta’ pregudizzju ghat-titolu tieghu. Girien ta’ Edward Agius jghidu illi ghall-bidu li mar jirrisjedi fid-dar tal-anzjani, Agius kien xi kulltant jinzel iqatta nofs ta’ nhar fil-fond in kwisjtoni, wara kien imur jiekol ghand bintu [omm il-konvenuta] u minn hemm kienu jiehduh lura d-dar tal-anzjani. L-istess girien jikkonfermaw illi l-konvenuta qatt ma ghexet mieghu u dahlet biss wara li kien rikoverat u wara li l-fond dam maghluq ghal xhur. Hu l-attrici, jghid illi meta kien prova jasal fi ftehim bonarju ma’ Edward Agius wara li kien promoss ir-rikors quddiem il-Bord, kien kellem lill-genituri tal-konvenuta fejn ommha esklamat illi kienet alloggjat lit-tifla taghha Vanessa. Minn indagini li ghamel dan ix-xhud, (fol 31), jghid illi meta l-konvenuta applikat ghax-xoghol ma’ Thompson Holiday indikat l-indirizz tal-genituri taghha u indikat numri tat-telefon kollha hlief dak tal-fond in dizamina (korroborat fl-atti Rikors 2/99). Girien ohra jghidu illi jiftakru li Edward Agius kien irrikovera ruhu wara li kien ihossu hazin u ma kien hemm hadd id-dar tieghu biex idur bih. Wara xi zmien l-konvenuta giebet il-klieb taghha f’dan il-fond u kienet tintlemah kull filghodu tidhol, tohrog tippassigga l-klieb, ddahhalhom gewwa u terga titlaq. L-istess girien huma konvinti li l-konvenuta

marret tghix fil-fond wara l-mewt ta’ nannuha. Jemergi wkoll mill-provi illi kien wara l-mewt ta’ Edward Agius li l-konvenuta ghamlet xoghol ta’ tindif u riparazzjonijeit fil-fond. Edward Agius ghadda ghall-hajja ohra fil-31 ta’ Mejju 2002. Records tal-Water Services Corporation juru illi l-konvenuta kienet registrata ghas-sussidju fuq dan il-fond fil-11 ta’ Marzu 2000. Xhud tal-konvenuta, Robert Cardona, jikkonferma illi ilu jafha mill-1994 u jafha toqghod fil-fond mill-1998/1997 ghaliex gieli mar ghandha (fatt dan illi jassoda t-tezi tal-atturi). Huwa jafha tahdem fil-business tal-familja u dan irid ikun allaccjat ma’ dak li qal ix-xhud Joe Falzon li l-familja kellhom negozju La Nocciola f’San Giljan u minkejja dan, il-girien qatt ma raw lill-konvenuta fl-inhawi. Louis Charles Pace (fol 199) ukoll jghid li l-konvenuta kienet timxi lejn u lura mix-xoghol, izda ix-xhieda tal-atturi jikkonfermaw li qatt ma rawha ‘l hemm. Lura ghax-xhud Cardona, dan izid jghid illi fid-dar kien jara ukoll lin-nannu taghha, bilqieghda bil-kemm ikellmek u gieli harguh flimkien ghaliex kien jghix fl-istess dar – dikjarazzjoni din li hija impreciza ghaliex jekk ilu jafha toqghod hemm mill-1998 kif irid jispjega li d-dar tal-anzjani ikkonfermaw li mill-1997 kien jorqod ghandhom? Dan ix-xhud kompla jitfa dubji fuq il-kredibilita’ tieghu meta qal li l-konvenuta kienet tghix hemm u kienet tiehu hsieb lin-nannu ukoll (fol 196), dikjarazzjonijiet dawn li ma jsibux sostenn mill-kumpless tal-provi u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. In-kontro-ezami, dan ix-xhud jghid illi fil-fatt kien ghamel zmien jghix mal-konvenuta u dan ghall-habta tal-1992/1993 u mistoqsi jekk kienitx ghadha hajja n-nanna jghid “gieli kienet tkun hemm”. Wara l-mewt tan-nanna huwa ghamel xi sena ohra jghix mal-konvenuta u mistoqsi jekk in-nannu kienx jghix u jorqod hemm iwiegeb illi “gej u sejjer, gej jorqod ftit hemm imbaghad kien go home”. Dan ix-xhud kien jassumi li dik il-mara kienet n-nanna tal-konvenuta u jassumi ukoll li kienet mietet. Issa n-nanna tal-konvenuta mietet fl-1992 u ghalhekk hemm ukoll diskrepanza serja fix-xhieda ta’ dan il-persuna meta jghid li sena wara Edward Agius mar jirrisjedi gewwa home ghaliex bejn il-mewt tan-nanna u meta n-nannu mar jirrisjedi f’home fl-1997 kienu ghaddew hames snin u mhux sena. Dawn id-diskrepanzi ma setghux jghaddu inosservati mill-Qorti tant li l-istess konvenuta iddikjarat illi

dan ix-xhud kien qed ihawwad fid-dati (fol 264). Il konvenuta produciet ukoll xhieda ta’ garr, Louis Charles Pace (fol 198 et seq) li, izda ma tantx huwa car fid-dikjarazjonijiet tieghu. Huwa jghid illi sa’ mill-1990 jaf lill-konvenuta diehla u hierga mill-fond fi kwalunkwe hin tal-gurnata u fl-istess waqt jghid li jahdem mis-6 am sal-5 pm. Wara jikkwalifika dan billi jghid li kien jaraha wara l-5pm tant li kien jassumi li kienet tghix hemm izda in kontro-ezami biddel il-konvinciment tieghu u qal biss illi kien jaraha diehla u hierga. Huwa semma xi avvenimenti ohra bhal meta l-konvenuta wissiet il-heler tieghu dwar xi brix fil-karozza izda in kontro-ezami ftakar illi dan kien fl-2002 [u allura wara jew mal-mewt ta’ Edward Agius]. Il-konvenuta ressqet ukoll bhala xhud lil zewgha Matthew Grech izda dan ma hu ta’ ebda utilita’ ghal fini ta’ dak hawn skrutinat ghaliex dan ix-xhud jghid illi ilu jaf lill-konvenuta mis-sena 2000 minn meta beda jghix maghha u f’din il-kawza huwa relevanti dak li sehh mill-1997 u s-snin precedenti. Il-konvenuta xehdet (fol 217 u 218) illi kienet ilha tghix maz-zewg nanniet taghha, jigifieri Edward Agius u martu fejn kienet tqatta’ ftit iljieli fil-gimgha. In-nanna mietet fl-1992 u dan ifisser illi ilha tghix hemm minn ferm qabel l-1997. Pero’ l-1992 marret tghix man-nannu taghha “sabiex niehu hsiebu, indur bih u jkollu kumpanija ukoll”. Ir-raguni ghalfejn stallat telefon fil-fond tal-genituri taghha kien sabiex ma tiddisturbax lin-nannu jekk icemplulha xi turisti peress illi kienet tahdem bhala rapprezentant ma’ Thompson Tours. Fl-1996 telghet tahdem it-Turkija ghal seba xhur u fl-1999 bdiet tahdem gewwa kasino b’*shifts* tal-lejl u kienet tasal id-dar bejn l-0430 u -0630. Fis-sena 2000 sabet impjieg iehor u ghamlet xahar xoghol l-Amerka. Il-konvenuta ezebiet ukoll korrispondenza mad-dipartiment tat-Taxxi Interni datata 11 ta’ Novembru 1997 bl-indirizz tal-fond in kwistjoni. Il-konvenuta tikkonferma li meta applikat ma’ Thompson Holiday ghal xoghol fl-1995 tat l-indirizz tal-genituri taghha bhala r-residenza taghha u biddlet l-indirizz fuq l-l-karta tal-identita u sigurta socjali fl-1996 qabel siefret lejn it-Turkija. In kontro-ezami tikkonferma illi tul il-hajja lavorativa taghha dejjem indikat l-indirizz tal-genituri taghha, inkluz mad-dipartiment tat-Taxxi Interni, dan sal-1997 minn meta allura bdiet tindika l-indirizz bhala dak in

kwistjoni. Fl-istess sena trasferiet in-numru tat-telefon taghha personali precedentement stallat fir-residenza tal-gerituri taghha fl-1995. Jemergi illi l-konvenuta hija appasjonata dwar il-klieb, u kienet ukoll tahdem fil-kura taghhom u dan huwa meritevoli hafna. Huwa fatt inkonfutabbli illi f'xi hin jew iehor kien hemm klieb ukoll f'din id-dar li kienu sors ta' kawza kontravenzjonali dwar inkonvenjent u intqalu diversi affarijiet illi dawn il-klieb kienu jithallew fil-gallerija ghal zmien twil wahedhom u hwejjeg simili izda l-konvenuta ikkonfermat illi l-klieb dahlu fid-dar tan-nannu wara li dan kien mar jirrisjedi fil-home (fol 281). Issa din id-dikjarazzjoni tassumi importanza sostanzjali ghaliex taghti kredibilita lix-xhieda tal-atturi fis-sens illi dak kollu li raw sehh wara li Edward Agius mar joqghod fil-home fl-1997 u kien dan iz-zmien meta Robert Cardona allura kien irregalalha kelb u mhux sena wara li mietet in-nanna fl-1992. Tant hu hekk illi in kontro-ezami il-konvenuta tikkonferma li Robert Cardona kien rregalalha kelb fl-1997 (fol 286). Il-konvenuta produciet affidavit taz-zija taghha, jigifieri bint Edward Agius li qalet li l-istess konvenuta ilha tghix fil-fond minn zmien ommha, allura n-nanna tal-konvenuta, u minn wara mewtha kienet tiehu hsieb lin-nannu. Din ix-xhud izda ddikjarat li ma tafx x'kien ix-xoghol tal-konvenuta, li ma kienitx taf illi x-xoghol taghha jirrikjedi li tkun barra sas-sighat bikrin ta' filghodu u ma kienitx taf ghaliex fil-kawza quddiem il-Bord, missierha kien xehed li kien ghazel li jmur jirrisjedi gewwa home peress illi kien sab ruhu wahdu d-dar. Ix-xhieda ta' Dr. Francis Zammit Dimech hija ukoll irrelvanti ghaliex dan ix-xhud jididkjara li kien zar id-dar tal-konvenuta fl-elezzjonijiet tal-1998;

Huwa principju fid-dottrina legali taghna illi *ei incumbit probatio qui dicit non qui negat* u ghalhekk jokkorri lill-atturi jippruvaw illi meta Edward Agius kien ghadu jirrisjedi fid-dar in kwistjoni, jigifieri, sal-1997, l-konvenuta ma kienitx tirrisjedi mieghu bil-konsegwenza illi ma tikwalifikax bhala membru tal-familja li ghexet mal-kerrej sal-mewt tieghu u kwindi ma tistghax titqies bhala li ssucediet fl-inkwilinat tal-fond. L-atturi ressqu xhieda u cirkostanzi bil-konviciement illi l-konvenuta bdiet tghix fir-residenza tal-kerrej wara li kien rikoverat gewwa dar tal-anzjani mill-

1997 'l quddiem u jsostnu illi c-cirkostanzi segwenti mhumiex biss kumbinazzjoni: meta bdiet tahdem fl-1995 indikat li kienet tirrisjedi fl-indirizz tal-genituri taghha; bdiet tikkorrispondi mad-dipartiment tat-taxxi interni bl-indirizz mertu tal-kawza f'Novembru 1997; kellha telefon personali stallat fir-residenza tal-genituri fl-1995 izda fl-1997 trasferiet l-istess ghall-fond in kwistjoni – dan it-telefon kien mehtieg bhala numru ta' referenza ghat-turisti wara l-hinijiet tal-ufficcju; bidlet l-indirizz fuq il-karta tal-identita' fl-1997; n-nannu taghha emenda t-testment tieghu sabiex tissucciedi fl-inkwilinat wara li kien intavolat rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera ghall-abbandun tal-fond fl-1999; l-konvenuta applikat ghas-sussidju fuq il-kontijiet tad-dawl u ilma fis-sena 2002 minkejja li tghid illi ilha tghix hemm mill-1992; l-girien isostnu illi qatt ma ghexet hemm hlief wara l-1997 meta dahlet fil-fond flimkien mal-klieb taghha; bdiet taghmel riparazzjonijiet fil-fond wara l-mewt tan-nannu taghha. Kontra dawn l-fatti hemm ix-xhieda tal-kerrej Edward Agius kif registrata fl-atti tar-Rikors 2/99 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera qabel id-decess tieghu. Dan huwa kategoriku fi kliemu meta jghid illi l-konvenuta kienet ilha tghix mhux b'mod permanenti mieghu u ma martu izda wara li mietet martu fl-1992 bdiet tghix regolari mieghu izda minhabba l-hinijiet twal tax-xoghol taghha fejn kienet tahdem matul il-lejl u torqod matul il-jum, ma kienitx tista' tipprestalu dik l-ghajnuna li kellu bzonn tant li fl-1997 kellu jmur jirrisjedi gewwa home. Minn din id-deposizzjoni jemergi illi minn meta n-nannu tal-konvenuta kien rikoverat fil-home, gieli nizel lura d-dar matul il-gurnata, meta jwassluh, u jinzel ghaz-zewg festi izda imkien ma jghid li gieli raqad fid-dar in-kwistjoni. Dan huwa ta' importanza ghaliex irid jinzamm fil-mira illi x-xhud Robert Cardona qal li fid-dar kien jghix ukoll in-nannu u gieli harguh [passiggati] flimkien u dan huwa impossibbli ghaliex Agius dejjem raqad fid-dar tal-anzjani. Il-konvenuta ftit jekk xejn ghandha x'turi li kienet tirrisjedi man-nannu qabel kien rikoverat. Kellha okkazzjoni tispjega ghaliex it-telefon personali taghha kien stallat fl-indirizz tal-genituri taghha u qalet li biex ma tiddistrubax lin-nannu izda fil-mori biddlet il-verzjoni u qalet li ghamlet hekk biex ma jsibuhiex tax-xoghol meta jkollhom bzonnha. Din il-Qorti mhix sejra tizgombra persuna fuq cirkostanza

bhal din izda minn ezami akkurat tal-provi hija konvinta illi kollox juri li l-konvenuta qatt ma ghexet fil-fond in kwistjoni hlief wara li n-nannu taghha mar jirrisjedi gewwa dar tal-anzjani. Dan ifisser illi ma tikwalifikax bhala inkwilina ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk m'ghandiex titolu validu fil-ligi sabiex tokkupa l-fond in meritu.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u ghal fini ta' zgumbrament tipprefigi zmien sittin (60) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------